MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 783/2005

Kawza fil-lista: 23

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-27 ta' Jannar 2005 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Kevin Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 17 ta' Gunju, 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb (Dok "A"), kif ukoll permezz ta' tlett skritturi privati datati 20 ta' Novembru 2002, 6 ta' Dicembru 2002 kif ukoll dik datata 25 ta' Gunju 2003

(Dok. “B”, “C”, u “D”) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet ta’ *Loans* lill-Kevin Falzon;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Kevin Falzon fis-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, hames mija u tlett Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm26,503.71) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u House Loan Accounts” ta’ l-imsemmi Kevin Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E”, “F”, “G1” sa “G2”, “H”, u “I1” sa “I2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-16 t’ Awissu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokument markat ADV 27 anness ma’ l-imsemmija skritturi privati (u hawn esibiti bhala Dokumenti “B”, “C” u “D”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi Kevin Falzon (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Kevin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk Kevin Falzon iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

U premess illi Kevin Falzon gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Jannar 2005 u li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok “J” sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti,

Jghidu l-konvenuti nomine ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokumenti markati ADV27 annessa ma’ l-imsemmija skritturi privati (u hawn esibiti bhala Dokumenti “B”, “C” u “D”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi Kevin Falzon (a) naqas milli jhallas l-pagament dovut lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati,

u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Kevin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici

2. Tikkundanna lil konvenuti nomine jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, hames mija u tlett Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm26,503.71) bilanc ghad-debitu fil-“ House Loan u Loan Accounts” ta’ Kevin Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E”, “F”, “G1” sa “G2”, “H”, u “I1” sa “I2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-16 t’ Awissu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Jannar, 2005 mibghuta lill-konvenuti nomine kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi f’dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza billi sa issa ghadhom ma ikkomunikawx ma l-assenti minnhom rappresentati.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li n-naha konvenuta ma resqitx provi;

Semghet il-provi bil-gurament;

Billi mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sodisfacentement provati;

Tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------